MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2369/2002/1

**Louis u Maria Assunta Sammut**

**vs**

**Carmelo sive Charles Zammit**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Ottubru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm921.45) rapprezentanti valur ta' hsarat kagunati fil-

propjeta’ tal-atturi f’151, Triq il-Pont, Mosta u l-ghamara ta’ gewwa fiha li ghaliha l-konvenut instab responsabbli u dan in forza ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Lulju 2001 fil-kawza fl-ismiijiet premessi u bin-numru 513/95DS.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Ottubru 2001 u bl-imghaxijieet mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.

L-atturi rrizervaw fil-konfront tal-konvenut id-dritt ta’ kull azzjoni ulterjuri lilhom spettanti u naxxxenti mill-imsemmija sentenza tal-11 ta’ Lulju 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Preliminarjament ir-res gudiata.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jintqal li l-ammont pretiz m’huwiex dovut peress illi fl-ewwel lok is-somma, ossia l-valur tal-hsarat imsemmija fis-sentenz tal-Prim’Awla huma ferm inferjuri u fit-tieni lok il-konvenut kien gja kkundannat jirrimedja l-hsarat taht is-supervizjoni tal-Perit Wenzu Gatt , fatt li llum ghadu ma sehhx minhabba nuqqasijiet mhux imputabbli lill-konvenut.

3. B’riserva ta’ risposta ulterjuri u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra s-sentenza tal-11 ta’ April 2003 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda tal-attrici. Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-attrici u tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra li nonostante li l-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu fil-mertu, huwa ma deherx u ma ressaqx provi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Settembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra d-digriet tas-16 ta' Ottubru 2003 fejn giet michuda t-talba maghmula mill-konvenut permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Ottubru 2003 fejn huwa talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra:-

Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Lulju 2001 fil-kawza fl-istess ismijiet bhal kawza odjerna (Citazzjoni Numru 513.95 DS) kopja tal-liema tinsab esebita a fol. 15 et seq. tal-process, gie deciz li l-konvenut kien responsabbli ghall-hsarat kagunati fil-fond proprjeta` tal-atturi minhabba li x-xoghlijiet esegwiti fil-fond proprjeta` tal-konvenut li kien adjacenti ghal dak tal-atturi ma sarx skond is-sengha u l-arti. Fl-imsemmija sentenza il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut jaghmel tajjeb ghax-xoghlijiet rimedjali, liema xoghlijiet kellhom isiru taht is-supervizjoni tal-Perit Rene` Buttigieg. Fil-kawza odjerna l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom id-danni li huma sofrew bhala kagun tal-imsemmija xoghlijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti. Huma pruvaw sodisfacentement li d-danni minnhom mitluba kienu rizultanti minn dawk ix-xoghlijiet u prezentaw l-ircevuti relattivi in sostenn tat-talba taghhom ( a fol. 45 et seq.).

Illi kif spjegat aktar il-fuq, il-konvenut naqas milli jiproduci provi sabiex jirribatti t-talbiet attrici u l-provi minnhom imressqa.

Illi t-Tribunal jidhirlu li t-talbiet jirrizultaw soddisfacentement pruvati u ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm921.45), bl-imghax

pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji mpostati f'dawn it-termini:-

i. It-Tribunal zbalja meta ma laqax l-eccezzjoni tieghu tar-'res judicata';

ii. It-Tribunal ma kellux jiskarta dak li gie ordnat f'gudizzju precedenti;

iii. It-Tribunal ma kkonduciex il-proceduri tal-gbir tal-provi b'mod korrett u dan peress illi ma akkordalux l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu. Jinsisti allura li jigi koncess minn din il-Qorti tali opportunita`.

L-atturi wiegbu ghal dawn l-aggravji b'dan il-mod:-

(1) Fil-kawza l-ohra ma kien hemm ebda talba ghad-danni tant li din giet rizervata. Jikkontendu ghalhekk li t-talbiet promossi fl-istanza odjerna taghhom huma kompletament distinti minn dawk tat-talbiet fil-kawza l-ohra deciza mill-Prim'Awla fil-11 ta' Lulu 2001.

(2) Kien l-appellant li naqas li jiprpevalixxi ruhu mill-opportunita` li jressaq il-provi tieghu u ghalhekk l-aggravju tieghu fuq dan il-punt hu assolutament bla bazi.

Jibda biex jigi osservat, b'risposta ghall-ahhar aggravju tal-appellanti, illi dan hu ghal kollox frivolu u vessatorju. Il-Qorti hi sodisfatta illi l-appellant inghata l-opportunita li jgib il-quddiem il-provi tieghu – ara verbali tat-23 ta' Gunju 2003 (fol 51), 7 ta' Lulju 2003 (fol 65), 16 ta' Settembru 2003 (fol 66) u d-digriet tal-Qorti a fol 68 li bih intlaqghet it-talba tal-konvenut ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza - izda dan b'inerzja u bi traskuragni lampanti naqas li japprofitta ruhu u jipproduci l-provi li xtaq igib. Kif

pacifikament akkolt, meta konvenut jibqa’ ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom allura “imputet sib” – “**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono noe**”, Appell Kummsercjali, 13 ta’ Jannar 1975.

L-aggravju fuq dan il-punt qieghed ghalhekk jigi skartat.

Kwantu ghall-eccezzjoni tar-‘res judicata’ u tal-aggravju dwaru hemm bzonn qabel xejn jigu esposti l-principji legali li jghoddu u li jridu necessarjament jinqraw fl-isfond tal-gurisprudenza in materja, tal-fatti partikolari u tal-portata tas-sentenza ta’ qabel moghtija fil-11 ta’ Lulju 2001 (kopja esebita a fol 15).

Kif saput, l-estremi necessarji tal-gudikat huma li l-haga mitluba tkun l-istess, it-talba tkun fondata fuq l-istess kawza bejn l-istess partijiet, u proposta minnhom u kontra taghhom fl-istess kwalita` - eadem personam, eadem res eadem causa petendi – bhal fil-kawza ta’ qabel. (**Kollez Vol XLII pI p498**).

Issokta jigi precizat kwantu ghar-rekwizit tal-identita` tal-haga mitluba illi mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali izda jibbasta li jkun hemm identita` guridika. Gie spjegat infatti illi “kriterju razzjonali biex f’kull kaz jista’ jinghad jekk u meta jkun hemm l-identita` tal-oggett bejn l-ewwel kawza disposta b’sentenza u t-tieni kawza opposta bl-eccezzjoni tal-gudikat, hu dak li wiehed jezamina jekk il-kwestjoni li tigi sollevata bit-tieni domanda gietx jew le deciza bil-gudikat precedenti; fi kliem iehor jekk il-punt li jigi diskuss fit-tieni kawza giex jew le gudikat bis-sentenza ta’ qabel, jew jekk dik l-ewwel sentenza hallietx dak il-punt impregudikat”. (**Kollez Vol XXXVII pIII p900**).

Jigi ghalhekk li l-eccezzjoni tar-res judicata ma titqiesx attendibbli meta ma jkunx hemm l-identita` tal-haga mitluba fil-kawza prezenti u fil-kawza precedenti fejn giet moghtija s-sentenza msemmija fl-odjerna kawza (**Kollez. Vol XXXIV pII p725**).

Fl-ahharnett tajjeb li jinzamm in mira illi biex jigi stabbilit jekk is-sentenza ta’ qabel tiggustifikax il-gudikat ghandu jkun ezaminat id-dispositiv ta’ dik is-sentenza u mhux il-motivazzjoni taghha (**Kollez. Vol XXIX pI p1155**).

Stabbiliti s-suesposti principji irid jigi ezaminat jekk fil-kaz in diskussjoni jikkonkorrux l-elementi kollha tal-eccezzjoni kif pretiz mill-konvenut appellant.

Mill-esposizzjoni tad-domandi precedenti fil-kawza b’Citazzjoni Numru 513/95, oltre t-talba ghall-kundanna tal-hlas tad-dritt ghall-appogg, u d-dikjarazzjoni li x-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut fil-fond tieghu ma sarux sew, bi vjolazzjoni tad-dritt tal-atturi, ntalab ukoll li l-konvenut jigi ordnat inehhi kull inkonvenjent u dannu u in difett li l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenut. Fl-istess citazzjoni, mbaghad, l-atturi rrizervaw id-dritt ta’ kull azzjoni ghad-danni.

Bis-sentenza ta’ qabel gie deciz li l-konvenut ghandu jnehhi kull inkonvenjent u dannu u fin-nuqqas li l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu huma x-xoghlijiet. Xoghlijiet li kif jinghad fl-istess sentenza riedu jsiru dejjem taht id-direzzjoni ta’ AIC Rene Buttigieg.

Minn dak deciz ma jistghax jinghad li gie diskuss jew definit il-punt kontrovers tal-gudizzju prezenti dwar id-danni u l-konsistenza taghhom. Ifisser ghalhekk illi sakemm ma kien hemm ebda decizjoni fuq il-kwestjoni tad-danni u din il-kwestjoni lanqas ma giet prekluza bis-sentenza precedenti, din tibqa’ mhiex deciza u allura ma jistghax jigi arguwit mill-konvenut appellant illi ghad-decizjoni ta’ din l-istess kwistjoni huwa ta’ ostakolu l-gudikat.

Kif drabi ohra ntqal, fuq l-insenjament ta’ **Coen** (“Cosa Giudicata”, para 145), “l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b’cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt… … Biex tkun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet “effettivament” deciza bis-sentenza ta’ qabel, u mhux biss li “setghet tigi deciza”

(**Kollez Vol XLII pI p98**). Hu fil-fatt anke rikonoxxut illi fil-kaz ta' dubju dwar jekk talba gietx deciza jew le, l-eccezzjoni tar-'res iudicata' ghandha tigi michuda" – "**Frans Sammut -vs- Paul Caruana**", Appell, Sede Inferjuri, 9 ta' Mejju 1997.

In vista tal-premess taghlim gurisprudenzjali d-decizjoni tat-Tribunal li cahdet l-eccezzjoni tal-gudikat tinsab sewwa indirizzata. Ghal kull buon fini jrid jinghad li din il-Qorti ddilungat fuq dan l-aspett mhux ghax kellha bzonn taghmel dan, gjaladarba l-konvenut appellant ma talabx ukoll ir-revoka tas-sentenza tat-Tribunal tal-11 ta' April 2003 li biha giet michuda lilu l-eccezzjoni tal-gudikat. Issoffermat fuq il-punt biex turi li fis-sostanza dik l-istess eccezzjoni u l-aggravji dwarha kienu destitwiti minn fondament.

Attiz li l-eccezzjoni propulsa tal-gudikat tfalli, ghall-iskop tal-istanza prezenti wiehed ghandu 'per forza' jiddipartixxi mill-gudikat tal-11 ta' Lulju 2001, anke ghaliex dan tqieghed bhala bazi tad-domanda kontenuta fl-Avviz tal-atturi appellati. Huwa ghalhekk logiku illi dan l-istess gudikat ghandu jitqies ta' importanza valevoli biex tigi definita din id-domana gjaladarba, wkoll, din tiskaturixxi bhala konsegwenza, u sussegwenti ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita` fil-precitat gudikat.

F'dak il-gudikat, fuq l-istregwa tar-rapport peritali li gie adottat, il-Qorti kienet hemm irravvizat in-natura tal-hsarat u identifikat ix-xoghlijiet rimedjali mehtiega li kellhom isiru biex dawn l-istess hsarat jigu eliminati. Kien in konsegwenza ghal din il-konstatazzjoni illi l-Qorti kienet ordnat li x-xoghlijiet ghandhom isiru a kura tal-konvenut u in mankanza li dawn jigu ezegwiti a spejjez tieghu mill-atturi.

Minn dan jemergi illi, ankorke l-konvenut appellant baqa' ma ressaqx provi, t-Tribunal kellu jkun sodisfatt mir-rizultanzi processwali illi t-talba tal-atturi appellati kienet tassew gustifikata. Fil-fehma ta' din il-Qorti t-Tribunal kellu jassikura fl-ewwel lok illi x-xoghlijiet rimedjali

suggeriti mill-Qorti fil-kawza l-ohra gewx adempiti mill-atturi appellati u bil-mod kif fis-sentenza stabbilit.

Issa fis-sentenza appellata t-Tribunal donnu kkuntenta ruhu, b'mod legger hafna, illi d-danni mitluba mill-atturi appellati kienu rizultanti mix-xoghlijiet li ma sarux skond l-arti u s-sengha. Dan anke ghaliex, skond kif fis-sentenza espress, l-atturi pprezentaw ir-ricevuti relattivi in sostenn tat-talba taghhom. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma thossha xejn konvinta la bir-ragonament u lanqas bil-konkluzjoni tat-Tribunal. Anzi, thossha ferm preokkupata bil-gudizzju maghmul mill-istess Tribunal.

Ezami anke superficjali tad-dokumenti esebiti mill-attrici Maria Assunta Sammut (fol 45 sa fol 50) ghandu invece juri, bla ebda sforz, illi dawk l-istess dokumenti mhux biss ma humiex ricevuti izda jikkonsistu maggorment minn stejjem risalenti ghal zmien anterjuri ghas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2001. Ma ngiebet l-ebda prova li dawk l-istess stejjem ottenuti fil-mori tal-kawza l-ohra gew tradotti f'xoghlijiet effettivi.

Sewwa allura gie lamentat mill-konvenut appellant illi t-Tribunal ma kellux jinjora jew jiskarta dak li gie stabbilit fis-sentenza precedenti bejn il-partijiet. Dippju, t-Tribunal, kellu jikkonduci analisi aktar preciza tal-provi processwali u jiddeciedi l-vertenza verament skond id-dritt ekwitattiv fit-termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap 380.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti tara li hemm lok li fuq il-bazi ta' dan l-aggravju, anke jekk pjuttost lakoniku ghandha tithassar id-decizjoni tat-Tribunal u skond kif preskritt fl-Artikolu 8(4) hi stess tiddeciedi l-materja wara li tisma' x'ghandhom x'ighidu l-partijiet, okkorrendo ukoll billi tisma' l-provi opportuni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel u t-tielet aggravji, tilqa' t-tieni aggravju u ghal konsiderazzjonijiet premessi tannulla s-sentenza appellata. Tiddiferixxi l-kawza ghall-1 ta' Dicembru, 2004 biex din tinstema' skond il-ligi kif jipprovdi l-Att V ta' l-1995 u fid-dawl tar-rilevanzi fuq espressi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------